A.L. 31 tal-2009

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2009 dwar Kontinwazzjoni ta' Tħaddim fil-Konnettività Internazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 dwar Kontinwazzjoni ta' Tħaddim fil-Konnettività Internazzjonali.

Tifsir.

2. (1) Kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu japplikaw it-tifsiriet li hemm fl-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u tinkludi kull regolament magħmul taħtu; Kap. 399.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"operatur ta' *gateway* internazzjonali" tfisser intrapriża li tkun qegħda tipprovdi jew li tkun awtorizzata li tipprovdi network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi li tinkludi konnessjoni internazzjonali.

Kontinwità fit-tħaddim.

3. (1) Operatur ta' *gateway* internazzjonali għandu f'kull waqt:

(a) jadotta miżuri xierqa biex iħares l-integrità u

flessibilità tal-elementi tan-*network* li jiġu utilizzati biex jipprovdu konnettività internazzjonali;

(b) jiżgura d-disponibiltà tal-kapaċità, jew ikollu japplika miżuri alternattivi, li jkunu biżżejjed sabiex jiżgura livell adegwat ta' konnettività internazzjonali mhux interrotta.

(2) Operatur ta' *gateway* internazzjonali m'għandux mingħajr ebda raġuni jirrifjuta milli jipprovdi l-kapaċità tiegħu lil xi operatur ta' *gateway* internazzjonali ieħor għall-finijiet li jikkonforma ruħu ma' l-obbligazzjonijiet stabbiliti bis-subregolament (1):

Iżda jkun fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità li tistabbilixxi jekk operatur ta' *gateway* internazzjonali ikunx aġixxa mingħajr ebda raġuni jew xort'oħra billi jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mat-talba biex tiġi provduta dik il-kapaċità.

Setgħat ta' l-Awtorità.

4. (1) L-Awtorità tista', minn żmien għal żmien toħroġ linji gwida biex imorru ma' dawn ir-regolamenti skond ma tista' tqis li jkun meħtieġ għat-twettiq ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità tista', meta tkun tqis li l-intervent tagħha jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tispeċifika l-kundizzjonijiet li jkollhom jintlaħqu mill-intraprizi biex dawn ir-regolamenti jkunu jistgħu jseħħu.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista', biex tikkonforma ruħha mas-setgħat li għandha taħt dawk is-subregolamenti:

(a) tobbliga lil operatur ta' *gateway* internazzjonali jistabbilixxi kull pjan ta' kontinġenza meħtieġ bil-għan li jħares id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tobbliga lil operatur ta' *gateway* internazzjonali biex minn żmien għall-ieħor jippreżenta dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza lill-Awtorità;

(ċ) iqabbad li ssir verifika indipendenti sabiex jevalwa:

(i) il-livell ta' integrità u flessibilità ta' l-elementi ta' *network* imħaddma mill-operatur ta' *gateway* internazzjonali; u

(ii) il-konformità ma' kull linja gwida jew kundizzjoni li l-Awtorità tista' tistabbilixxi skond dawn ir-regolamenti.

Għoti ta' informazzjoni.

5. (1) Jekk tonqos milli tibqa' tingħata konnettività internazzjonali jew ikun hemm xi waqa' gravi fil-livell, operatur ta' *gateway* internazzjonali għandu minnufih javża lill-Awtorità malli jikkonferma dak li jkun ġara.

(2) Operatur ta' *gateway* internazzjonali għandu jipprovdi lill-Awtorità b'kull informazzjoni li l-Awtorità tista' tkun teħtieġ b'mod raġonevoli sabiex tiżgura li l-operatur ta' *gateway* internazzjonali jkun ħa l-passi meħtieġa biex ireġġa' għal li kienet il-konnettività internazzjonali normali u sabiex iwettaq kull analisi jew investigazzjoni ulterjuri ta' dak li jkun ġara.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ lil xi operatur ta' *gateway* internazzjonali u lil xi intrapriża li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi internazzjonali biex dawn jippreżentaw, u meta jkun adatt jippubblikaw, informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' pjanijiet u miżuri li jkun ħaseb għalihom biex jikkonforma ruħu ma' l-obbligazzjonijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u biex jikkonforma ruħu mal-linji gwida kollha u, jew mal-kundizzjonijiet maħtuġa jew speċifikati skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti. L-Awtorità jkollha wkoll is-setgħa li tippubblika kull informazzjoni b'dak il-mod li hija tqis li jkun adatt skond is-subartikolu 4 (14) ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

(4) L-Awtorità għandha f'kull waqt tieħu miżuri adatti biex tħares kull informazzjoni ta' xorta kunfidenzjali li hija tkun taf biha jew li tiġi mwassla lilha mill-operatur ta' *gateway* internazzjonali.

Infurzar u pieni.

6. L-Awtorità tista, skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, timponi dawk is-sanzjonijiet li tista' tqis li jkunu xierqa skond l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, fuq kull min jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.